**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 8 TA' MARZU, 2002**

**Avviz Nru: 1749/01 AJD**

**Standard Publications Limited**

**vs**

**Joseph Schembri u Carlo Schembri it-tnejn ezercenti l-kummerc taht l-isem Studio Design International ossia SDI Advertising**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Dicembru, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm125.95) liema somma tirrapprezenta in kwantu ghal mija u sitt liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm106.95) bilanc ta' prezz dovut mill-konvenuti lil Standard Publications Limited in rigward ghal servizzi lilhom rezi mis-socjeta' attrici u dana fl-1999, u in kwantu ghar-rimanenti dsatax il-lira Maltin (Lm19.00) ghall-ispejjez inkorsi ghall-prezentata tal-Avviz tat-Talba. Bl-imghaxijiet sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta ta' Carlo Schembri fejn eccepixxa:-
Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt, fid-dritt u fl-ekwita' u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante:

1. Illi preliminarjament, b'riferenza ghall-ismijiet tal-kawza, l-eccipjent qatt ma ezercita l-kummerc taht l-isem SDI Advertising, mentri l-

isem Studio Design International huwa l-isem ta' socjeta' minnu gestita li ma ghandha l-ebda konnessjoni mal-mertu tal-kaz;

2. Illi ghaldaqstant l-eccipjent mhuwiex il-legittimu kontradittur;

3. Illi l-eccipjent ma rceva l-ebda servizz minghand l-entita' attrici;

4. Illi s-somma mitluba hija irregolari billi tinkludi l-ispejjez legali likwidati anticipatament mis-socjeta' attrici nnifisha, liema spejjez jistghu biss jigu ntaxxati mir-registratur ta' dan l-Onorabbli Bord.

Bl-ispejjez u l-penali a tenur ta' l-Art. 10, Kap. 380.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra li l-konvenut l-iehor Joseph Schembri nonostante li gie debitament notifikat naqas milli jidher u milli jipprezenta risposta.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-22 ta' Frar, 2002, fejn hija cediet il-kawza fil-konfronti tal-konvenut Carlo Schembri filwaqt li zammet ferma t-talba taghha kontra l-konvenut l-iehor Joseph Schembri.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Antonio Tufigno in rappresentanza tas-socjeta' attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut mill-konvenut Joseph Schembri.  Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li jillibera lill-konvenut Carlo Schembri mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa' t-talbiet attrici fil-konfronti tal-konvenut Joseph Schembri u jikkundanna lill-imsemmi Joseph Schembri ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u sitt liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm106.95), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu nterament mill-konvenut Joseph Schembri skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**